# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 369/2019 LM**

**Fl-atti tal-kawza 611/2016 LM fl-ismijiet:**

**Carmel u Sylvia konjugi Grima**

**v.**

**Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci**

**u**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 991/2016 fl-ismijiet:**

**Carmel u Sylvia konjugi Grima**

**v.**

**Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet li nghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru, 2019, li permezz tieghu cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru 991/2016 ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li jigu kkundannati jhallsu penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) tal-imsemmi Kap. 12. Ghalhekk dik il-Qorti cahdet it-talbiet rikorrenti kif dedotti, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

L-appellanti sekwestrati Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci qeghdin jappellaw minn dak id-digriet u permezz tar-rikors taghhom, kif ukoll ghar-ragunijiet hemm imsemmija, qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex thassar, tannulla u tirrevoka l-provvediment moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru, 2019, li jgib ir-referenza 369/2019LM, fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet taghhom u tichad l-eccezzjonijiet tas-sekwestranti u taghti l-provvedimenti mehtiega, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-sekwestranti.

Is-sekwestranti Carmel u Salvina Grima wiegbu ghall-imsemmi rikors ta' appell, fis-sens li in via preliminari, jikkontendu li l-appell odjern huwa wiehed null, irritwali u bla effett u f'kull kaz, l-appell ghandu jigi michud stante li d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata fis-shih. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra

l-appellanti Gauci, u jekk jidhrilha l-Qorti li hu xieraq bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-smigh tat-28 ta' Jannar, 2020, u dakinhar halliet l-istess rikors differit ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Ir-rikors promotur kien jitratta talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib referenza 991/2016, kif ukoll talba li s-sekwestranti jigu kkundannati jhallsu penali u dan skont kif mahsub taht il-provvediment tal-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili). L-imsemmi mandat inhareg mis-sekwestranti, fl-ammont ta' €1,300,000, in kawtela tal-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti minnhom, wara li akkwistaw proprjeta` f'San Pawl il-Bahar, in forza ta' kuntratt ippubblikat in atti tan-nutar Dr. Anthony Gatt tat-30 ta' Settembru, 1991.

L-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi in atti, inkluz il-kuntratti ta' trasferiment ta' l-art mertu tal-proceduri in kwistjoni, kif ukoll id-diversi sentenzi tal-Qrati li jitrattaw il-proprjeta` mertu tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u x-xhieda tal-perit inkarigat mis-sekwestranti dwar il-

potenzjal tal-istess art, kif ukoll qieset l-argumenti legali fid-dawl tal-provvediment tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kuntest tal-provi in atti, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati.

L-appellanti sekwestrati ahwa Gauci hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-ewwel Qorti u nterponew appell minn dik id-decizjoni in kwantu gie meqjus minnhom li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi mressqa minnhom li jikkostitwixxu bdil fic-cirkostanzi u li allura ma kienx ragonevoli li l-mandat ta' sekwestru 991/2016 jibqa' fis-sehh (b'referenza ghall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12). Kif ukoll, is-sekwestrati appellanti wrew il-fehma taghhom li jezistu l-estremi kollha tal-vessatorjetà u tal-mandat fieragh li l-ewwel Qorti kellha fid-diskrezzjoni taghha timponi penali fuq is-sekwestranti, kif jipprovdi l-Artikolu 836(8)(d).

Permezz tar-risposta taghha, is-sekwestranti konjugi Grima, ikkontestaw il-mertu tal-appell, kif ukoll issolevaw punt preliminari – dak koncernanti n-nullita` tal-appell ai fini u effetti tal-ligi. Dan a bazi ta' kazistika estensiva li konsistentement eskludiet l-appell bhala rimedju ghall-parti sokkombenti meta ssir talba ghar-revoka ta' mandat, liema talba tigi michuda, bhalma gara f'dan il-kaz.

Isegwi li jehtieg li din il-Qorti tinvesti dan il-punt preliminari sollevat mis-sekwestranti appellati, stante li jekk jinsab li ghandhom ragun, ma jkunx il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fil-mertu tal-aggravji fl-appell in ezami.

Kif gustament osservat mis-sekwestranti appellati fir-risposta taghha, tirrizulta gurisprudenza estensiva fuq dan il-punt. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, deciza fil-21 ta' Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet **Darryl Francis Grima proprio et nomine v. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine** f'kawza li l-mertu taghha kien jirrigwarda mandat ta' inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat:

> *"Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell."*

Hekk ukoll aktar recentement, din il-Qorti, permezz tad-decizjoni taghha tad-29 ta' Mejju 2015, fil-kawza fl-ismijiet **GO p.l.c. v. Natalino Zammit,** li kienet titratta talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fejn inghad:

> *"Il-qorti tosserva illi llum, wara l-bdil li seħħ bis-saħħa tal-emendi li saru fl-1995 fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-dritt ta' appell minn dikrieti huwa regolat bl-art. 229 kif*

*sostitwit bl-art. 113 tal-Att XXIV tal-1995 u li bis-saħħa tiegħu ġiet superata l-ġurisprudenza ta' qabel.*

*"5. Id-distinzjoni li jagħmel l-art. 229 ma hijiex bejn dikrieti interlokutorji u dawk definittivi iżda biss bejn (i) dikrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (ii) dikrieti li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (iii) dikrieti "residwali" illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva iżda biss bil-"permess speċjali" tal-qorti. Id-dikrieti li jissemmew fl-art. 229(1) u (2) huma kollha "interlokutorji" għax ebda wieħed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-atti li fihom jingħataw dawk id-dikrieti, u post se exspectant sententiam, waqt illi l-art. 229(3) – li joħloq il-kategorija "residwali" – jirregola "appell minn kull dikriet interlokutorju ieħor". Il-konklużjoni trid bilfors tkun illi l-art. 229 jagħti dritt ta' appell minn dikrieti interlokutorji biss. Ċertament, ma jagħtix dritt ta' appell minn dikriet bħal dak de quo li la jissemma fl-art. 229(1) jew (2) u lanqas jaqa' fil-kategorija "residwali" tal-art. 229(3) billi ma huwiex dikriet interlokutorju.*

*"6. Tassew, din l-interpretazzjoni toħloq konflitt mal-art. 836(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors" għall-ħruġ ta' kontromandat, għax jekk dikriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat – u li għalhekk huwa "definittiv" għall-atti li fihom issir dik it-talba – ma jistax isir appell minnu appuntu għax ma huwiex "interlokutorju", mela d-disposizzjoni tal-art. 836(5), safejn tgħid illi ma jistax isir appell, hija superfluwa. Interpretazzjonijiet li jirrendu superfluwa disposizzjoni tal-liġi miktuba għandhom ġeneralment jiġu evitati. Madankollu l-qorti tifhem illi l-art. 836(5) jgħid illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni" u mhux biss "ma għandha ssir ebda kontestazzjoni" (fis-sens illi d-dikriet ma jistax jiġi kontestat b'kawża ad hoc quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili) biex ma jagħtix lok għal interpretazzjoni a contrario sensu fis-sens illi l-fatt li ġiet eskluża biss il-possibilita ta' kontestazzjoni quddiem il-Prim' Awla jfisser illi jista' jsir appell quddiem din il-qorti. Sfortunatament b'hekk inħoloq id-dubju jekk l-esklużjoni ta' appell minn dikriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat jfissirx a contrario sensu illi jista' jsir appell minn dikriet li jiċħad talba bħal dik. Dan fil-fehma tal-qorti huwa pjuttost difett fit-teknika leġislativa milli l-intenzjoni tal-leġislatur.* ***Il-konklużjoni korretta fil-fehma tal-qorti hija illi r-regola ġenerali hija illi ma jingħatax appell minn dikrieti ħlief fejn id-dritt ta' appell jingħata espressament taħt l-art. 229, u illi l-art. 836(5) huwa applikazzjoni partikolari (għalkemm superfluwa) tar-regola ġenerali."*** *(enfasi ta' din il-Qorti).*

Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma' dan kollu. Fi kliem iehor, l-appellanti sekwestrati ahwa Gauci, ma setghux jirrikorru direttament quddiem din il-Qorti sabiex jikkontestaw id-digriet tal-ewwel Qorti, tat-18 ta' Ottubru, 2019, izda kellhom jipprocedu permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u se mai, jappellaw mill-eventwali decizjoni tal-Prim'Awla quddiem din il-Qorti.

Ghar-ragunijiet premessi, il-punt sollevat mis-sekwestranti appellati jirrizulta fondat u l-appell odjern huwa null. Ghalhekk din il-Qorti tilqa` l-pregudizzjali sollevata mis-sekwestranti appellati, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji sollevati mill-appellanti sekwestrati.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti sekwestrati Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr